31994R0355

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 355/94
tal-14 ta' Frar 1994
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 918/83 li jistabilixxi sistema tal-Komunità dwar eżenzjoni mid-dazji dogananli.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mingħand il-Kummissjoni (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (3),

Billi l-Artikolu 45 tar-Regolament (KEE) Nru 918/83 (4), jipprovdi li oġġetti li jkunu fil-bagalji personali ta' passiġġieri ġejjin minn pajjiż mhux membru għandhom jiġu mdaħħla mingħajr dazju, sakemm dawk l-importazzjonijiet ikunu ta' natura mhux kummerċjali;

Billi, b'mod konformi mal-Artikolu 47 tar-Regolament (KEE) Nru 918/83, il-valur totali tal-oġġetti li jiddaħħlu mingħajr ħlas ta' dazju ma jistax jeċċedi ECU 45 kull passiġġier; billi, b'mod konformi mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 47, Stati Membri jistgħu inaqqsu dan l-ammont għal ECU 23 għal passiġġieri taħt il-15-il sena;

Billi għandhom jiġu kkunsidrati l-miżuri favur passiġġieri rakkomandati minn organizzazzjonijiet internazzjonali speċjalizzati, b'mod partikolari l-miżuri li jinsabu fl-Anness F (3) tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni ta' proċeduri doganali;

Billi dawk l-għanijiet jistħgu jintlaħqu billi jiġu miżjuda l-eżenzjonijiet;

Billi hu meħtieġ li tiġi pprovduta, għal perijodu limitat, deroga għall-Ġermanja meta wieħed jikkunsidra d-diffikultajiet ekonomiċI li x'aktarx ikunu ikkaġunati mill-ammonti ta' eżenzjonijiet, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' passiġġieri li jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru mill-fruntieri tal-art li jgħaqqdu lill-Ġermanja ma' pajjiżi mhux membri minbarra pajjiżi membri tal-EFTA jew permezz ta' rotot tal-baħar mal-kosta mill-imsemmija pajjiżi;

Billi hemm rabtiet speċjali bejn Spanja kontinentali u Ceuta u Melilla,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Regolament (KEE) Nru 918/83 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 47 għandu jittieħed mibdul b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 47*

L-għajnuna msemmija fl-Artikolu 45 għandha tingħata sa valur totali ta' ECU 175 kull passiġġier għal oġġetti minbarra dawk elenkati fl-Artikolu 46.

Iżda, Stati Membri jistgħu inaqqsu dan l-ammont għal ECU 90 għal passiġġieri taħt il-15-il sena.";

2. għandu jidħol l-Artikolu li ġej:

"*L-Artikolu 47a*

1. Bħala deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 47, Spanja hi hawnhekk awtorizzata li tapplika, sal– 31 ta' Diċembru 2000, eżenzjoni ta' ECU 600 għal importazzjonijiet ta' l-oġġetti in kwistjoni minn Ceuta u Melilla li jidħlu fit-territorju doganali għar-rigward Spanja fir-raba' tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (1)

2. Bħala deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 47, Spanja għandu jkollha l-għażla li tnaqqas dik l-eżenzjoni għal ECU 150 għal passiġġeri taħt il-15-il sena.

(1) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 1994.

Iżda, għar-rigward tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 1998 fil-każ tal-oġġetti importati minn passiġġieri li jidħlu fit-territorju tal-Ġermanja permezz ta' fruntiera tal-art li tgħaqqad lill-Ġermanja ma' pajjiżi mhux membri minbarra pajjiżi membri tal-EFTA jew permezz ta' rotta kostali tal-vapur mill-imsemmi pajjiżi.

(1) ĠU C 254, tal-11.10.1986, p. 7.
(2) ĠU C 13, tat-18.1.1988, p. 173.
(3) ĠU C 105, ta' l-24.4.1987, p. 4.
(4) ĠU L 105, tat-23.4.1983, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar skond ir-Regolament (KEE) Nru 3357/91 (ĠU L 318, ta' l-20.11.1991, p. 3).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul ġewwa Brussel, fl-14 ta' Frar 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

Y. PAPANTONIOU